# FRIEFET IL-LEJL F'MALTA

## IMĦARSA BIL-LIĠI




Tpinġija ta' Andrew Micallef minn Baldacchino, Alfred E & Schembri, Patrick J. (2002) *Amfibji, Rettili, u Mammiferi fil-Gżejjer Maltin* fis-Sensiela Kullana Kulturali. Il-Pieta, Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza

Il-friefet il-lejl huma l-uniċi mammiferi li jiddependu mit-titjir biex imorru minn post għall-ieħor. Dan huwa possibbli permezz ta' membrana elastika u rqiqa li tifforma l-ġwienaħ, miżmuma bejn dirgħajhom u saqajhom. L-ispeċi lokali kollha tal-friefet il-lejl huma essenzjalment insettivori. It-tpinġijiet juru speċi differenti ta' friefet il-lejl li jinsabu fil-Gżejjer Maltin.

### Ekoloġija

- Il-friefet il-lejl huma essenzjalment notturni, jiġifieri jorqdu matul il-ġurnata u joħorġu wara nżul ix-xemx biex ifittxu l-ikel.
- Għalkemm il-friefet il-lejl jaraw, huma kapaċi jevitaw l-ostakli u jsibu l-priża billi jarmu *pulses* ultrasoniċi li l-bniedem ma jistax jisma' u jqabbluhom mal-eki li jirċievu lura minn madwarhom, proċess magħruf bħala ekolokalizzazzjoni.
- Il-friefet il-lejl għandhom il-ħabta jibnu kolonji soċjali u jorqdu f'għadd ta' ambjenti lokali, speċjalment f'imkejjen kennija, bħal għerien u postijiet bis-siġar. Madanakollu jinsabu wkoll f'żoni fil-beraħ, art agrikola u rdumijiet.
- Jorqdu wkoll fi strutturi mibnija mill-bniedem bħal fortifikazzjonijiet, kappelli u bini ieħor, kif ukoll strutturi taħt l-art bħal mini tal-ilma.
- Il-friefet il-lejl huma partikularment vulnerabbli għall-estinzjoni minħabba li jirriproduċu bil-mod u normalment ikollhom wild wieħed biss fis-sena.
- F'Malta, il-friefet il-lejl huma l-aktar attivi matul l-istaġun sħun tas-sajf filwaqt li jistkennu u jorqdu f'dak kiesaħ. Id-disturb matul il-perjodu xitwi jnaqqas il-possibiltà li jgħixu ladarba jkollhom jużaw enerġija prezzjuża biex itiru minflok jikkonservaw r-riservi tal-ikel.

### Stat u theddid ewlieni

- F'Malta l-friefet il-lejl huma mhedda għax l-imkejjen fejn jorqdu u jieklu huma modifikati, iddisturbati jew mibdula, waqt li xi individwi huma xi drabi ppersegwitati, maqbuda jew maqtula.
- L-użu bl-addoċċ ta' insettiċidi jnaqqas il-priża tagħhom.

### Ħarsien legali

- Il-friefet il-lejl huma mħarsa permezz tal-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent, il-Konvenzjoni ta' Berna, il-Konvenzjoni ta' Bonn u l-Ftehim Ewropew tagħha dwar il-Friefet il-Lejl (*EUROBATS*), kif ukoll id-Direttiva tal-UE dwar l-Ambjenti Naturali.
- Dan ifisser li huwa illegali li tiddisturba, taqbad, toqtol, iżżomm, tbiegħ jew tinnegozja dawn l-ispeċi. Numru ta' siti Natura 2000 ġew iddikjarati biex jitharsu l-ambjenti naturali importanti tal-friefet il-lejl.

ERA

Ippubblikat mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi - © ERA 2017